SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 17/KA2/16

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/10 – 08/03/16** **58**

**Nru ta' seduti minn 12/07/10 – 08/03/16** **68**

**Nru ta' Laqgħa Pubblika minn 10/01/11 – 28/01/16** **07**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar il-Tlieta 8 ta' Marzu 2016.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fil-5.00p.m.

1.03

| Isem | Kariga | Inizjali | Preżenza |
|---|---|---|---|
| Albert Bonello Ghio | Ċermen | ABG | Preżenti |
| Micheal La Rosa | Viċi Ċermen | MLR | Preżenti |
| Joseph Oliva | Membru | JO | Preżenti |
| Maria Dolores Falzon | Membru | MDF | Preżenti |
| Richard Scicluna | Membru | RS | Assenti |
| Karl Gouder | Sindku | KG | Preżenti |
| Paul Spiteri | Segretarju Eżekuttiv | PS | Preżenti |
| Cher Carmen Fenech | Skrivana | CCF | Preżenti |

1.04 Preżenza tal-Pubbliku :- (0)

1.05 Iċ-Ċermen ippresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kumitat mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fil-14 ta' Jannar 2016. L-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. *Issues* li ħarġu mill-Laqgħa tal-Lokalita'
4. Komunikazzjoni miċ-Ċermen
5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets
7. Aġġornament tal-laqgħa

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 16/KA2/15 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Viċi-Ċermen Micheal La Rosa ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti.

1.3.03 Iċ-Ċermen Albert Bonello Ghio ssekonda.

1.3.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

1.3.05 Iċ-Ċermen ressaq tal-laqgħa pubblika għall-approvazzjoni.

1.3.06 Il-Viċi-Ċermen Micheal La Rosa ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti.

1.3.07 Iċ-Ċermen Albert Bonello Ghio ssekonda.

1.3.08 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Ċermen. Dawn huma:-

**Rif. Nru. Korrispondenza**

P35 Email mingħand is-Sur James Piscopo dwar t-*Traffic Management* ta' Paceville.

P72 Email mingħand is-Sur Paul J. Borg fir-rigward l-*music buskers* f'Paceville.

P89 Talba għall-*Reserved Parking* mingħand Alex House fi Triq Ball.

P93 Talba mingħand Dolce Sicilia sabiex tikber l-bankina u ssir *Un/loading Bay* fi Triq Dragunara k/m Triq Paceville.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

**Rif. Nru. P35**

2.02 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur James Piscopo dwar t-*Traffic Management* ta` Paceville. Ġie deċiż unanimament li terġa tintbagħat *reminder* fuq din l-email peress li ma rċivejna l-ebda risposta.

**Rif. Nru. P72**

2.03 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Paul J. Borg fir-rigward l-*music buskers* f'Paceville. Ġie deċiż unanimament li jintbagħat l-ilment lill-Pulizija.

**Rif. Nru. P89**

2.04 B'riferenza għat-talba għall-*Reserved Parking* mingħand Alex House fi Triq Ball, ġie deċiż unanimament l-Kumitat ma jilqax din it-talba peress li fil-viċinanzi diġa hemm l-*Un/Loading Bay* u tista tiġi użata din.

**Rif. Nru. P93**

2.05 B'riferenza għat-talba mingħand Dolce Sicilia sabiex tikber il-bankina u ssir *Un/Loading Bay* fi Triq Dragunara kantuniera ma Triq Paceville, ġie deċiż unanimament li l-Kumitat joġġezzjona għal din it-talba peress li fil-viċinanza diġa hemm *un/loading bay*.

**3. *Issues* li ħarġu mill-Laqgħa tal-lokalita'**

3.01 Il-Kumitat ġie ppreżentat bl-*issues* li ħarġu mill-laqgħa tal-lokalita` (Ara Appendiċi 'A').

3.02 Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li jerġgħu jinżebgħu z-*Zebra Crossings* ta' Paceville filwaqt li meta ssir l-laqgħa mat-Transport Malta ser tkun diskussa l-possibilita li z-*Zebra Crossings* jitressqu għall-postijiet aħjar u inqas perikolużi.

3.03 Ġie deċiż unanimament li waqt il-laqgħa mas-Sur James Piscopo mit-Transport Malta jiġu diskussi l-possibilita' li z-*Zebra Crossing* ta' Triq Ross tinżel ftit l'isfel filwaqt li ssir bil-*push*

*button* kif ukoll li titneħħa l-*Bus Stop* ta' Triq San Ġorġ ħdejn il-Millenium Kebabs peress li qed jinħoloq ammont kbir ta' traffiku x'ħin jieqfu l-karozzi tal-linja.

3.04 Is-Sindku nforma lill-Kumitat li beda l-proċess sabiex jsir passaġġ bis-siment għal baħar wara l-Hilton kif ukoll ser jikkomunika mal-Pulizija dwar il-laqgħa li r-residenti jixtiequ li ssir bejn ir-residenti u l-Pulizija.

**4. Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

4.01 Il-Membru Joe Oliva nforma lill-Kumitat li hemm bżonn li jinbidlu tabella tal-*one way* msadda li tinsab ħdejn l-Ambaxxata Veneziana fi Triq Wilġa, tinbidel t-tabella tan-*no left turn* fi Triq Paceville ħdejn il-Lombard Bank, u tiġi rranġata t-tappera sfrundata tal-GO li tinsab ħdejn La Maltija Restaurant fi Triq il-Knisja peress li qed jaqgħu n-nies.

4.02 Il-Membru Joe Oliva talab li qabel jibda s-sajf jitwaħħlu t-tabelli ta '*no topless bathing'* fil-bajjiet.

4.03 Il-Membru Joe Oliva ssuġġerixxa li tibda ssir laqgħa minn tal-inqas darba fix-xahar jew xahrejn mal-Awtorita` tat-Turiżmu fuq l-istat ta' Paceville. Is-Sindku nforma lill-Membri preżenti li ser ikellem lill-Awtorita' tat-Turiżmu.

4.04 Il-Viċi-Ċermen ġibed l-attenzjoni li l-kollettur tal-iskart qed jagħddi kmieni minn Paceville.

4.05 Il-Membru Joe Oliva ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat li quddiem il-Lombard Bank hemm bulky refuse u *garbage bags*. Għalhekk ġie deċiż unanimament li terġa tinkiteb ittra lir-restoranti.

**5 Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet**

5.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni tagħhom (Ara Appendiċi 'B').

5.02 Il-Viċi-Ċermen Micheal La Rosa ppropona l-approvazzjoni taghhom.

5.03 Il-Ċermen Albert Bonello Ghio ssekondah.

5.04 Il-Membru Joe Oliva u l-Membru Maria Dolores Falzon astjenew minħabba li ma jridux jieħdu responsabbilita' fuq il-pagamenti u minħabba li għandhom d-dubju fuq il-kwalita' tax-xogħol.

5.05 Il-pagamenti ġew approvati.

**6 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

6.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheet minn nru. 383 sa' nru. 389 għall-approvazzjoni (Ara Appendici 'Ċ')

6.02 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

6.03 Il-Membru Maria Dolores Falzon ssekondatu.

6.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**7. Aġġornament tal-laqgħa**

7.01 Ġie deċiż unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 12 ta' April 2016 fil-5.00p.m.

7.02 Il-laqgħa ntemmet fis-5.40p.m.

**Albert Bonello Ghio**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**